


# Il-Kult Reliġjuż fl-Arti u Arkitettura

## *L-Arti fit-Triqat fil-Festa tar-Raħal*

**Minn John Sarè**

Il-festi ma twieldux il-bieraħ. Sa minn żmien ir-Rumani nsibu s-sinjuri jorganizzaw festi fi djarhom li kienu dejjem konnessi mall-business.

Warajhom ġew il-Biżantini. Dawn bdew festi reliġjużi f'ġieħ San Ġorġ u Santa Katerina.

Fi żmien il-ħakma Għarbija ma' sar xejn f'Malta sakemm fl-1091 jiġi l-Konti Ruġġieru u neħħa għal kollox l-influwenza Għarbija, imma ħallihom hawn.

Bil-ħelsien mill-ħakma Għarbija rajna l-ewwel missjunarji Griegi li kienu huma li daħħlu l-festa ta' San Nikola. Il-wasla tal-Franġiskani f'Malta u l-waqfa tagħhom fir-Rabat kien il-bidu għall festi ta' San Franġisk u tal-Madonna tas-Saħħa.

Din ħafna drabi tiġi mfixkla mal-Madonna tas-Saħħa, Għajnuna u Faraġ.

Il-qima lejn il-qaddisin infirxet u żviluppat fi knejjes imxerrdin mal-irħula kollha ta' Malta u Għawdex. Dan il-kult reliġjuż infexx fil-bini ta' knejjes żgħar li sal-1575 insibu li kien hemm 430 knisja. Fost dawn il-knejjes hemm ta' Ħal Millieri fejn San Ġorġ għandu żewġ affreski. Fiż-Żejtun u fiż-Żurrieq titwieled il-qima lejn Sta Katerina. Fis-Siġġiewi jinbet San Nikola ta' Myra. F'Birkirkara jqum kult reliġjuż f'Ġieħ is-Salib Imqaddes, iżda hawn tidħol Sta Elena u toħodlu postu. Ghal min ma jafx dawn il-qaddisin kollha għandhom l-għeruq tagħhom, fil-fond ħafna fil-kultura reliġjuża Griega.

Il-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, kien il-mezz biex kulturi reliġjużi oħrajn jidħlu Malta permezz tal-Kavallieri. Dawn ġabu magħhom qaddisin minn art twelidhom. Il-Kavallieri Aragoniżi daħħlu għall-ewwel darba fil-Birgu x-xbiha ta' San Lawrenz u bdiet l-qima lejn dan il-qaddis li għadha b'saħħitha sallum. Il-Kavallieri Taljani xerrdu l-qima lejn Santu Rokku, l-aktar fiż-żminijiet koroh tal-pesta. Illum kważi f'kull knisja ssib statwa jew pittura ta' dan il-qaddis.

Il-Monasteri u l-Kunventi, kemm tal-patrijiet sew tas-sorijiet, rawmu l-kult u l-qima lejn il-qaddisin fundaturi tagħhom. Xi eżempji

Sta Tereża d'Avila f'Bormla. Fl-Imdina l-Karmelitani bnew it-tielet kunvent tagħhom fuq sit fejn kien hemm knisja żgħira dedikata lil Sta Marija ta' Rocca u li l-knisja ġġib l-isem tat-Twelid tal-Madonna. Il-Madonna ta' Rocca hi l-Patruna tan-Nisa tqal.

Xi festi f'ġieħ il-qaddisin kellhom il-bidu tagħhom għal xi ħtiġiet partikulari jew protezzjoni minn xi gwaj jew bħala sinjal ta' ringrazzjament. San Leonardu, patrun qaddis ta' Ħal Kirkop hu l-protettur ta' lsiera u l-iskjavitu. Malta f'kull rażżia ttieħdu nisa, tfal u żagħżagħ lejn is-swieq Għarbin. San Leonardu nsibuh ukoll f'Ħal Millieri. L-ewwel knisja f'ġieħu twaqqfet fl-1200. San Ġiljan hu qaddis tal-kaċċaturi li fl-Isla serviet ta' parroċċa għal żmien twil.

Il-qima lejn il-Madonna minn dejjem kienet qawwija. Dokumenti jmorru lura sas-sena 1250 fejn l-isem tal-Madonna jissemma f'dokument. L-ewwel u l-aktar waħda qadima hi dik ta' Bir Miftuħ li fl-1436 kienet diġà parroċċa u tgħammdet bit-titlu tal-Assunta. Ħafna snin wara l-Madonna daħlet fil-qalb tal-Maltin b'titli differenti bħal ngħidu aħna tar-Rużarju, tal-Ġilju. Fl-1858 wara d-dehriet tal-Madonna xi knejjes f'Malta aġġornaw għal titlu ieħor Marjan.

Żewġ irħula li kienu milqutin ħafna mill-







inżul tat-Torok f'Malta kienu l-Mellieħa u n-Naxxar. Għalhekk it-8 ta' Settembru, festa tal-Vitorja nsibuha ċelebrata f'dawn l-irħula.

Minn Għawdex bdiet il-qima lejn San Andrija, protettur tas-sajjieda. Kienu bdewha s-sajjieda tax-Xlendi. F'Malta Sant'Andrija hu meqjum f'Ħal-Luqa. L-istatwa ħarġet minn idejn Salvu Psaila. Lil dan il-qaddis insibuh ukoll f'Bormla minħabba li din il-belt kienet belt marittima.



Mingħajr dubju ta' xejn, il-festa ta' Santu Rokku bdiet miż-żminijiet meta Malta kienet tinħakem mill-pesta. Issir festa ħelwa ħafna f'B'Kara fejn anki t-toroq ta' madwar il-knisja tiegħu jiġu armati u mżejna.

Ma setax jonqos li matul iż-żmien ma tidħolx il-qima lejn San Ġużepp. Minn din d-devozzjoni ħarġu l-festi f'ġieħ dan il-qaddis. L-aktar statwa meqjuma hi aktarx dik tar-Rabat ta' San Ġużepp ix-Xiħ. Dan il-qaddis jinsab fl-oratorju tal-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri.



San Ġużepp libes libsa oħra dik ta' Patrun Universali tal-Knisja. Dan hu t-Titular tal-artal tal-ġenb tal-Knisja Corpus Christi ta' Milan. Tpinġa fl-1899, ftit wara li Leone XIll ħatru patrun. Imma l-aktar li hu magħruf u li għandu l-akbar devozzjoni hi dik ta' Patrun tal-Agonizzanti. Numru kbir ta' knejjes issibilhom altar titulari ta' San Ġużepp waqt it-transitu tiegħu.

Ser naraw flimkien kif l-arti tat-tpinġija u tal-iskultura sabu ruħhom fit-triqat tal-irħula u l-bliet tagħna. Naraw ukoll flimkien artisti kbar ta' fama, kemm tal-passat kif ukoll tal-mument jagħtu s-servizzi tagħhom lill-kumitati tal-armar. Ser naraw xogħol ta' dilettanti – kemm fil-pittura kif ukoll fix-xogħol tal-injam. Ma nistgħux inħallu barra dawk l-irġiel li bil-paċenzja kollha jiżbgħu l-kolonni tal-istatwi. Lanqas nistgħu nħallu barra n-nisa tal-membri tal-każini li joffri ħinhom iħitu l-pavaljuni u l-bandalori.

Biċċa uġiegħ ta' ras kbira kelli biex minn 450 ritratt nagħżel dak li hu l-isbaħ. Fit-toroq waqt il-festa jiġri magħna wirt patrimonju liema bħalu li mingħajr ma' nibża' ngħid, ħafna drabi ma nagħtux kas tiegħu.

Il-bliet u l-irħula li ser nittratta huma: B'Kara – Vittoriosa - Ħal-Qormi - Ħaż-Żabbar – in-Naxxar – il-Gargur - Ħaż-Żebbuġ - Rabat – Victoria.

Nagħti tagħrif qasir fuq il-belt jew raħal u nkompli billi naraw l-arti fit-toroq tagħhom waqt il-festa.

**Birkirkara**

Dan ir-raħal hu maqsum f'żewġ parroċċi u żona pastorali ta' Santa Marija li tlaħħaq madwar 4000 ruħ. Dik ta' San Ġużepp tlaħħaq mas-6500 u l-parroċċa ta' Santa Elena tħaddan madwar 19-il elf ruħ;

Il-knisja tallum hi l-aħħar waħda li nbniet fl-1727 fi żmien l-Isqof Gori Mancini. Il-parroċċa li kien hemm fl-1630 kienet diġà Kolleġġjata mwaqqfa mill-Papa Urbani VIll. Fl-1950 saret Bażilika Minuri mill-Papa Piju XIl. Il-knisja hi Arċimatriċi għax minnha ħarġu knejjes oħra u minnhom ħarġu oħrajn. It-titular hu



*San Ambroġju – Il-konnessjoni ma' Santa Elena hi li kiteb trattat twil fuq il-mewt fuq is-Salib. Minn disunur saret unur. Kien hu wkoll li ta l-ewwel tagħrif fur l-Imperatriċi Elena u s-sejba tas-Salib Imqaddes.*
Wistin Camilleri



*San Girgor il-Kbir – Fil-kitbiet tiegħu kien iħeġġeġ lill-insara jixbħu lil Santa Elena u lil binha Kostantinu.*
Wistin Camilleri



*L-istatwa ta' Malta – Kull raħal għandu lil Malta tiegħu. Ma setax jonqos li B'Kara ma tpoġġix is-Salib.*
Ċensu Cremona



*Anġlu u l-Fidi tħaddan is-Salib Bażilikali poġġut fuq dinja.*
Ċensu Cremona

## Il-Birgu

Mill-ibliet tal-Kottonera, l-Birgu hu l-aktar wieħed antik u qadim. Għandu storja bikrija marittima. Il-parroċċa ta' San Lawrenz twaqqfet fl-1090 qabel il-wasla tal-Konti Ruġġieru, mill-Isqof Gualtieri. Il-knisja tallum hi tal-1681 fuq pjanta ta' Lorenzo Gafa. Skont dak li naqraw fuq l-Assedju tal-1565, qabilha kien hemm ta' Francesco Zahra. Tlesta fl-1763. L-istatwa hi tal-injam imnaqqxa mill-iskultur Salvu Psaila fl-1837. Hemm tliet każini tal-banda: Duke of Connaught – Għaqda Mużikali Santa Elena u Banda Sant'Antnin. Festa nhar il-Ħadd wara t-18 ta' Awwissu.



*Anġlu tal-brazz tad-dawl. Dan hu wieħed minn sett li juru l-armi tal-parroċċi li ħarġu minnha.*
Ċensu Cremona



*Bandalori bil-pittura taż-żejt. Dan hu San Maċarju u Santa Elena żgħira*



*Il-pavaljuni u bandalori fuq disinn ta'* Ronnie Pisani.



*Trofej*



*San Piju V – Kif qed taraw isfel fuq il-lemin hemm il-kanun. Simbolu ta' apprezzament għall-Assedju tal-1565. Fil-fatt Piju V kien wieħed mill-akbar benefatturi ta' Malta u għen fil-bini tal-Belt Valletta.*
Michael Camilleri Cauchi



*Santa Katerina Ricci*
Michael Camilleri Cauchi



*San Pietru, Martri. Wieħed mill-ħafna martri li għandhom id-Dumnikani.*
Michael Camilleri Cauchi



*San Vinċenz Ferrer*
Michael Camilleri Cauchi



*Santa Agnese*
Michael Camilleri Cauchi



*Beatu Ġakbu da Bevanja*
Ċensu Cremona



*Beatu Alvaro da Cordova*
*Karlu Darmanin*

knisja oħra Konventwali u li fiha La Valette kien jiġbor lill-Kavallieri għat-talb. Fl-1820 saret kolleġġjata. Hi Matriċi, għax minnha ħarġu dik tal-Isla, Bormla u l-Kalkara. It-titular hu kapolavur ta' Mattia Preti u tpinġa fl-1689. L-Istatwa hi barranija u x'aktarx ġiet minn Spanja. Hemm mat-3500 ruħ u l-festa tiġi fl-10 ta' Awwissu.

**Ħal Qormi – San Bastjan**

Fl-1890 naraw li l-popolazzjoni ta' Ħal Qormi kienet kibret sewwa, l-aktar fl-inħawi ta' fejn kien hemm statwa tal-ġebel f'ġieħ San Bastjan. Ġara wkoll li kien hemm ħafna bogħod bejn din iż-żona l-ġdida u l-knisja ta' San Ġorġ. Kien hemm bennej Mikielanġ Azzopardi li ta biċċa art biex tinbena knisja fl-inħawi l-ġodda ta' dan ir-raħal. Fl-1936 din il-knisja saret parroċċa. Tliet snin wara twaqqet biex tinbena oħra flokha. It-Tieni Gwerra Dinjija waqqfet ix-xogħol. Sa issa kien hemm biss il-kripta lesta li allura bdiet tintuża bħala knisja. Il-knisja ltaqgħet ma' diffikultajiet kbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-arkitettura tal-knisja, speċjalment fejn tidħol il-koppla. Numru kbir ta' periti ndaħħlu biex jirrinġaw partijiet strutturali, imma kellu jkun il-perit Italo Raniolo, li wara li studja sew il-knisja kif mibnija, ħażżeż pjanta oħra għall-knisja fejn għaqqad il-forom kollha differenti li bihom inbniet il-knisja. Fl-1986 il-knisja kienet lesta u bdiet tintuża. Il-pittura tat-titular hi ta' Lazzaro Pisani bid-data 1889. Fil-knisja hemm Kurċifiss sabiħ ħafna ta' Ġanni Bonniċi. Il-popolazzjoni taqbeż l-10,000.



*Il-Martirju ta' San Bastjan*
*Alfred Camilleri Cauchi*



Trofej ieħor bil-pittura taż-żejt fuq id-drapp. Dawn huma sett li fihom hemm imfakkar episodji mill-ħajja ta' San Bastjan.

Trofej li juri skultura sabiħa fl-injam. Jgħid li San Bastjan hu il-Prinċep tal-Martri. Maħdum mill-mastrudaxxa Qriema fuq id-disinn ta' Pawlu Camilleri Cauchi.




**Ħal Qormi – San Ġorġ**

Meta twaqqfet il-Parroċċa ta' San Ġorġ ma nafux. Ħal Qormi ta' San Ġorġ kien jibqa' sejjer sal-Belt Valletta. Bħala Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, tissemma għall-ewwel darba fis-sena 1436, meta l-Isqof Senatore di Mello ppubblika l-knejjes kollha parrokkjali li kien hemm fi żmienu. Jidher li



*Anġlu tad-Dawl*
*Alfred Camilleri Cauchi*



*Trofej bil-bandalora. Pittura taż-żejt fuq id-drapp*
*Pawlu Camilleri Cauchi*



*San Ġeronzio li kien missier San Ġorġ*
*Karlu Darmanin*



*San Ġorġ fuq id-dragun*





*Statwa ta' San Ġorġ quddiem is-Sultan wara li ħeles lil bintu mid-dragun. Ħajtu hi mibnija fuq leġġendi u stejjer impossibbli.*







*Żewġ Anġli ta' Karlu Darmanin, magħruf għall-uċuh sbieħ tagħhom. Frażi Maltija tgħid lil tfajla sabiħa: qisek anġlu ta' Karlu Darmanin.*



*Kolonna tad-dawl bit-tazzi taż-żejt. Armar li hu antik ħafna.*

wara l-pubblikazzjoni tar-Rollo, il-knisja twaqqet u nbniet oħra flokha. Fl-1610 naraw bini ta' knisja oħra għax dokumenti jgħidu li sal-1610 il-korsija u n-navi tal-knisja kienu lesti. Fl-1684 Lorenzo Gafa bena l-koppla li naraw illum. Jgħidu li l-faċċata tal-knisja hi mibnija minn Vittorio Cassar. Imma dan ma jistax ikun għax Vittorio kien ikkundannat għall-mewt mill-Gran Mastru Wignacourt fl-1610 minħabba li kien ibabas fil-maġija. Allura aktar korretti jekk ngħidu li l-pjanta tal-faċċata aktarx hi ta' Vittorio Cassar bħalma huma l-pjanti kollha tat-torrijiet mibnijin minn Wignacourt. Il-pittura tat-titular hi ta' Mattia Preti. L-istatwa hi tal-injam u nħadmet mill-iskultur Pietro Felici fl-1738. Giuseppe Cali għamillha xi tibdiliet żgħar ħafna. Popolazzjoni mal-11,000.

## Ħaż-Żabbar

Caedo et augeo – Niżbor u Nkabbar. Dan hu l-motto ta' Citta Hompesch jew kif aktar hu magħruf Ħaż-Żabbar. Waħda mill-ħafna tifsiriet ta' ismu hi li ż-Żabbarin kollha kienu jiltaqgħu fil-pjazza u kulmin ikollu siġra għaż-żbir, żgur kien isib lil xi ħadd fil-pjazza. Ħaż-Żabbar hu sinjur fil-wirt kulturali għax fih insibu bini storiku, knejjes żgħar u fortifikazzjonijiet tal-Gran Mastru Nikola Cotoner.

Il-mina ta' Ħaż-Żabbar hi waħda mis-sbieħ li nbniet bejn l-1670 u 1675. Aktar qabel Wignacourt bena t-Torri Maria delle Grazie fuq ix-xaqliba tax-Xgħajra. Il-pjanta kienet ta' Vittorio Cassar. Fl-imblokk Franċiż dan ir-raħal ta sehmu għall-aħħar.

Il-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja kienet diġà mwaqqfa fl-1575 għax Dusina jsemmiha fid-dokumenti taż-żjajjar. Din il-pittura turieh kif kien fl-1858.

Fl-1641 bdiet tiela' l-knisja li hemm illum taħt Tumas Dingli. L-Isqof kien Belaguer Camarasa. Fl-1738, il-Perit Ġanni Bonavia biddel il-faċċata u bena



*Santa Anna*
Karlu Darmanin



*Qtugħ ir-ras Oleferne*
Ċensu Cremona



*L-inkwiżitur Fabio Chigi li sar Papa Alessandru VII*
Ċensu Cremona



*L-inkwiżitur Antonio Pignatelli li sar Papa Innoċenz XII*
Ċensu Cremona

wkoll il-kampnari. Fl-1928 tlestiet il-koppla fuq disinn tal-perit Ġużeppi Pace. Il-kappelluni u l-kor sarulhom ħafna tibdiliet.

It-titular hu ta' Alessio Erardi li pinġieh fl-1715. It-tila ġiet imtaqqba darbtejn meta tpoġġiet il-kuruna fuq ras il-Madonna u xi snin wara tpoġġa stellarju.

L-istatwa titulari hi tal-injam skolpita minn Marjanu Gerada. Popolazzjoni tlaħħaq mas-17000 u l-festa ssir l-ewwel Ħadd fuq it-8 ta' Settembru.

**Naxxar**

Xhieda ta' kemm hu qadim huma l-fdalijiet Neolitiċi li għad baqgħalu. Hemm jinsab qabar Kartaġeniż u ħafna firxiet ta' artijiet li għadhom jagħmlu miegħu sallum. It-Torri tal-Kaptan għadu wieqaf u dan ġej minn żmien La Vallette. Kienet issir għassa lejl u nhar minn fuq dan it-torri. Fl-1610 Wignacourt bena il-batterija tal-Għallis. Fl-1658 De Redin bena torri u trunċiera fil-Qrejten limiti tan-Naxxar.

Hi parroċċa qadima ħafna għax tmur lura sal-1436. It-titular hu it-Twelid tal-Madonna li miegħu ngħaqqdet il-festa tal-Vitorja.

Illum sar magħruf li l-knisja mhix ta' Tumas Dingli, imma ta' Vittorio Cassar. Fil-bidu tal-1900 il-knisja tkabbret bil-bini tan-navi, nbniet faċċata ġdida u telgħu iż-żewġ kampnari. Kollox kien lest sal-1913.

It-titular hu mpinġi minn Mattia Preti u l-istatwa titulari hi minquxa fl-injam u hi xogħol Ruman.

Popolazzjoni tlaħħaq il'fuq minn 11,000. Il-Festa ssir fit-8 ta' Settembru.





*Il-Profeta David. Fis-salmi tiegħu tissemma ħafna x-xbejba bla tebgħa.*
Karlu Darmanin

*Maħduma fuq id-disinn ta' Karlu Darmanin, insibu din il-kolonna li fuqha titpoġġa Ġuditta.*



*Gastra tad-Dawl.*



*Bandalora li turi l-Konvoj ta' Santa Marija*





*Il-kolonna tal-gastra disinn ta' Darmanin.*



*Bandalora li turi l-Gran Mastru La Vallette għarkupptejh quddiem Malta u fil-fond tidher id-daħla għall-Port il-Kbir. Fuq nett tidher xbiha tal-Madonna.*
Pawlu Bugeja

**Rabat - Festa San Ġużepp**

Il-Franġiskani waslu Malta fl-1492 u fetħu kunvent fir-Rabat. Fl-1500 bnew il-knisja fuq stil Gotiku. Għall-bidu kienet knisja fqira u b'saqaf tal-injam. Maż-żmien ġiet imżejna b'opri artistiċi kemm fl-arkitettura kif ukoll fil-pittura. Fl-1504 tqegħdet fil-knisja statwa tal-irħam tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. L-iskultur tagħha kien Antonello Cagini, artist Palermitan. Il-prospettiva tal-artal maġġur kienet tgawdi minn pittura trittika tal-artist Messinis Antonello De Saliba. Juri tliet panewwijiet tal-Viżitazzjoni ta' Marija lil kuġinitha Sta. Eliżabbetta. Tpinġa fl-1517.

Wara t-terremot tas-sena 1693, il-knisja ġarrbet ħsarat kbar u kellha terġa tinbena mill-ġdid. 64 sena wara, fl-1757, il-knisja tkabbret bil-flus li ġew minn Spanja, l-Italja, l-Portugal. Ġiet imbierka u kkonsagrata mill-Isqof Vincenzo Labini fl-1790. Illum it-titular hu Marija ta' Ġesù.

Benefattur kbir tal-patrijiet u tal-knisja kien il-Gran Mastru L'Isle Adam. Waħda mill-kmamar ta' fuq kienet tal-Gran Mastru. Kien jitla ta' spiss għand il-patrijiet biex jgħaddi xi ġranet tal-mistrieħ magħhom. Fil-fatt il-Gran Mastru miet fil-knisja ma' ġenb il-

Kunvent fl-1534. Għalmin ma jafx, il-ġewwieni u qalb L'Isle Adam jinsabu midfuna fil-Knisja u l-post jingħaraf mit-tarka u l-arma tal-Gran Mastru.

Dan l-aħħar il-bieb tal-knisja ġie rrestawrat. Twaqqatlu ż-żebgħa li kellu,tnaddaf u reġa ġie kif kien fl-1757. Kienu l-ħafna pinzellati taż-żebgħa li żammewh daqstant tajjeb.



Statwa ta' San Ġużepp.
Karlu Darmanin

Statwa ta' San Ġużepp. Maħduma mill-kartapesta. Turi lil San Ġużepp inkurunat. Wara din l-inkurunazzjoni hawn storja ta' piki, ta' insubbordinazzjoni, u ta' dittartorjat. L-ewwel nett saru ħafna u ħafna talbiet lill-Vatikan biex San Ġużepp jiġi nkurunat u dejjem is-Santa Sede ċaħdet it-talba. Fl-aħħar insibu li l-Ministru Provinċjal patri Alfons Camilleri jibgħat f'ismu t-talba lill-Vatikan u hemm isib ħabib kbir tiegħu, Patri Antonelli li kien prokuratur ġenerali tal-Ordni Franġiskan, li minħabba fih, il-Vatikan aċċetta li San Ġużepp jiġi nkurunat. Imma l-Inkurunazzjoni ġiet sospiża għax il-Fratellanza ta' San Ġużepp riedet li hi biss torganizza l-inkurunazzjoni. Il-patrijiet heddu li jagħlqu l-oratorju u jiftħu bieb ġdid fit-triq tal-knisja ta' San Pawl u b'hekk San Ġużepp jaqa' taħt id-Djoċesi u taħt il-Kolleġġjata ta' San Pawl. Wara seba' snin mill-edit tal-Vatikan, intlaħaq ftehim bejn il-patrijiet u l-fratellanza u fl-aħħar San Ġużepp ġie inkurunat nhar l-1 ta' Mejju 1963.





*Kolonna artistika maħduma minn mastrudaxxa Ġużeppin.*





*Hawn naraw żewġ profeti, Isaija u Ġeremija li t-tnejn li huma kitbu u tkellmu fuq San Ġużepp bħala l-mastrudaxxa tax-Xbejba Verġni.*



*Trofew tal-injam bl-iskultura u pittura.*
Maħdum minn dilettant



*Ark trijonfali*
Maħdum mill-membri tal-Armar

## Għeluq

Dan il-Wirt Kulturali Reliġjuż hu mhedded minħabba li l-festi tagħna saru l-mezz ta' sokor, xorb bla rażan waqt marċijiet, imġieba xejn xierqa waqt purċissjonijiet. Hemm ukoll il-kwistjoni tan-nar eżaġerat. L-għajta biex il-festa titneħħa hi qawwija biż-żejjed li xi kappillani ta' spiss jgħidu fil-beraħ li jridu jneħħu l-festa.

Tkun ħasra kbira jekk dawn jisparixxu minħabba nuqqas ta' kontrol mill-każini u mill-istess kappillani. L-ibliet u l-irħula tagħna fihom għaxqa waqt il-ġranet tal-festa. Nispera li wara din it-taħdida nibdew napprezzaw aktar x'ikun hemm fit-toroq tagħna kemm fl-art kif ukoll fil-għoli.